MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru 645/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Jonathan Falzon**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jonathan Falzon, bin Joseph u Helen nee` Cutajar imwieled Pieta` fis-26 ta' April 1988, residenti 286, Triq San Giljan, Birkirkara detentur tal-karta tal-identita` numru 201988(M)

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Lulju 2013 bejn it-15:30hrs u 16:00hrs gewwa Triq Ganu, Birkirkara u fi nhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:-

1. Volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBP471 ta' Ritianne Saliba, liema hsara ma tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

U aktar talli fl-istess data u fix-xahrejn ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:-

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Ritianne Saliba u Stephen Vassallo biza' li se tintuza vjolenza kontra taghhom jew kontra il-proprjeta` taghhom;

3. Ta fastidju lil Ritianne Saliba b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna;

4. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni FWL001 tal-ghamla b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

5. Ghamel lil Ritianne Saliba ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. Talli volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi sigurta` ghal skop ta' protezzjoni ta' Ritianne Saliba, Stephen Vassallo u l-familja taghhom taht l-Artikolu 412C.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4), sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, kif registrata fl-atti tas-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati ta' din l-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, il-parte leza ossia Ritianne Saliba u Stephen Vassallo, iddikjaraw, bil-

gurament taghhom, illi huma kienu qed jahfru lill-imputat ghal dak li sehh u li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fejn din hija rinunzjabbli, b'dan illi l-Qorti ghandha tipprovdi ghall-protezzjoni taghhom u tal-familjari taghhom.

Illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi fir-rigward tar-raba' u s-sitt imputazzjoni mressqa fil-konfront tal-imputat.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u l-fedina penali tieghu li hi wahda netta u illi l-imputat kien lest li jhallas ghall-hsara kkagunata minnu.

Il-Qorti qieset ukoll in-natura tar-reat addebitat lill-imputat fl-ewwel imputazzjoni u l-fatt illi d-difiza stess stqarret illi l-imputat kien lest li jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nniffsu a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti qieset ukoll is-suggeriment tal-prosekuzzjoni fis-sens illi din il-Qorti tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat u dan sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Ritianne Saliba, Stephen Vassallo u l-familjari taghhom, liema suggeriment fil-fatt diga` gie milqugh minn din il-Qorti permezz ta' digriet moghti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013, liema digriet qed jerga' jigi kkonfermat izjed l'isfel f'din is-sentenza. Fil-fatt kemm mill-atti processwali, kif ukoll a bazi ta' dak li semghet il-Qorti waqt it-trattazjoni dwar il-piena, il-Qorti tqis illi Ordni ta' Protezzjoni huwa idoneu f'dan il-kaz, u dan sabiex tevita incidenti simili ghal dak mertu ta' din il-kawza, kif ukoll bl-iskop illi tevita illi din is-sitwazzjoni possibilment taggrava b'detriment serju ghal parte civile.

Huwa ferm importanti li l-imputat jifhem illi mugugh kemm hu mugugh, l-azzjonijiet tieghu ma jistghu qatt jigu meqjusa gustifikati f'socjeta` civilizzata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-istess imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn mil-lum taht dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, inkluz li ma javvicinax, ma jkellimx jew b'xi mod idejjaq jew jimmolesta lil Ritianne Saliba, lil Stephen Vassallo u lill-familjari taghhom. In oltre il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 383(1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nniffsu li ma jkellimx u ma javvicinax jew b'xi mod idejjaq jew jimmolesta lill-imsemmija Ritianne Saliba, Stephen Vassallo u lill-familjari taghhom bl-ebda mod u dan taht penali ta' elfejn Euro (€2,000), liema obbligu jibqa' fis-sehh ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.

In oltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas id-danni subiti mill-parti leza Ritianne Saliba, liema danni skond Dok. PC6, jammontaw ghas-somma ta' mitejn u tletin Euro (€230) u dan fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

In oltre il-Qorti qeghda terga' tikkonferma d-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-10 ta' Lulju 2013, fejn bis-sahha tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-hati u dan fil-konfront ta' Ritianne Saliba, Stephen Vassallo u l-familjari taghhom u dan b'mod partikolari billi tipprojbixxi lill-hati milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija u tipprojbixxi lill-hati milli jikkuntattja bi kwalunkwe mod jew jimmolesta lill-istess persuni u dan ghal zmien ta' tliet (3) snin mil-lum.

Il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' u s-sitt imputazzjoni u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi stante rinunzja, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, t-tielet u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-istess Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

Stante li ma gew mahtura l-ebda esperti f'dawn il-proceduri, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------